# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

## Seduta ta' nhar iT-Tlieta 26 ta' Gunju, 2001 .

## Avviz numru 31/96G2(PC)

**John Saliba .**

**vs**

**Rita Anne Bigeni .**

**Il-Qorti ,**

**Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex tigi kkundannata thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni sofferti mill-attur konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li gara fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex, bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittra B-wiehed, sitta, erbgha, wiehed (B-1641) misjuqa minnek, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittra 0-tmienja, wiehed, tmienja, disgha (0-8189) misjuqa u proprjeta' tal-attur ta' liema incident inti Rita Anne Bigeni kont unikament responsabbli .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja spedita fl-1 ta' Gunju, 1995, tal-ittra ufficjali spedita f'Dicembru 1995 u f'Gunju 1996, tal-mandati ta' sekwestru u qbid kawtelatorji pprezentati fl-istess ismijiet u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet mid-data tal-incident sad-data tal-hlas relattiv .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuta debitament imharrka ghas-subizzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzonijiet tal-konvenuta li eccepiet illi :**

1. **Id-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur ;**
2. **L-eccipjenta ma tahti xejn ghall-incident awtomobilistiku in kustjoni li gara unikament tort tal-attur minhabba sewqan traskurat u inavvertenti .**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat il-verbal taghha tat-13 ta' Frar 1997 fil-kawza konnessa Avviz Numru : 47/1996 fl-ismijiet : "Arthur Bigeni vs. Anthony Saliba" fejn ordnat illi l-provi kollha li kellhom jingabru f'dik il-kawza kellhom jghoddu wkoll ghall-fini ta' din il-kawza .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .**

**Rat ukoll l-atti tal-kawza Avviz Numru : 47/1996 fl-ismijiet indikati, inkluzi d-dokumenti u l-verbali tax-xhieda hemmhekk annessi .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din il-kawza tittratta kollizjoni stradali li sehhet fi Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Ghawdex, fejn kienu nvoluti l-vettura ta' l-attur u ohra misjuqa mill-konvenuta . Permezz tas-sentenza taghha moghtija llum ukoll fil-kawza fl-ismijiet: "Arthur Bigeni vs. Anthony P. Saliba : (Avviz Numru : 47/1996) li ghaliha qed issir piena referenza, gie deciz illi Rita Anne Bigeni, il-konvenuta prezenti, li kienet qed issuq il-karozza l-ohra involuta f'din il-kollizjoni, apparti dik ta' l-attur, kienet unikament responsabbli ghall-kollizjoni mertu wkoll tal-kawza prezenti .**

**L-attur, missier il-persuna l-ohra involuta f'dan l-incident stradali, permezz ta' Anthony Spiteri, il-*panel beater* li sewwa l-hsarat fil-karozza tieghu, f'dik il-kawza esebixxa bhala "Dok. AS 2" u "Dok. AS 3" kopji ta' l-*invoices* relattivi li minnhom irrizulta li kien hemm tliet mija u sittin lira maltija u hamsin centezmu (Lm360.50) bhala spejjez ghax-xiri ta' *spare parts* mehtiega sabiex jinbidlu l-partijiet danneggjati fil-vettura ta' l-attur, kif ukoll mitejn u tnax il-lira (Lm212) ghax-xoghol ta' l-istess *panel beater*, b'kollox hames mija tnejn u sebghin lira maltija u hamsin centenzmu (Lm572.50) . Dawn l-ispejjez jidhru kompatibbli mal-hsarat li garrbet il-karozza ta' l-attur konsegwenza tal-habta mertu ta' din il-kawza . Jidhru ragonevoli u ma rrizulta illi hemm ebda raguni ghaliex m'ghandhomx jigu accettati .**

**Il-Qorti ghalhekk tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenuta Rita Anne Bigeni unikament responsabbli ghall-incident stradali imsemmi f'dan l-Avviz, tillikwida d-danni ikkagunati fil-karozza ta' l-attur per konsegwenza ta' dan l-incident, fis-somma ta' hames mija tnejn u sebghin lira maltija u hamsin centezmu (Lm572.50) u tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma hekk likwidata .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja spedita fl-1 ta' Gunju 1995, ta' l-ittri ufficcjali spediti f'Dicembru 1995 u f'Gunju 1996, tal-mandati ta' sekwestru u qbid kawtelatorji ppresentati fl-**

**istess ismijiet u ta' l-ittra ufficcjali ppresentata kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-konvenuta.**

**Billi l-ammont dovut gie likwidat biss permezz ta' din is-sentenza, l-imghaxijet relattivi ghandhom jithallsu b'effett mid-data ta' llum sa meta jsir il-pagament relattiv .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**

Si3196Pc